MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 319/2002/1

**Joseph Rosso**

**Vs**

**Laurie Trewwinard u Pauline White**

**Illum, id-19 ta' Jannar tas-sena 2005.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Mejju, tas-sena 2002, li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lill-attur is-somma ta' elf, hames mija u sittin Lira Maltin (LM1, 560.00,0), oltre l-imghax legali mill-1 ta' Lulju tas-sena 2001 sad-data tal-lum, bilanc ta'

somma akbar, kwantu ghas-somma ta' elf, tlett mija u hamsin Lira Maltin, (Lm1,350.00,0), prezz ta' bejgh u stallazzjoni ta' passarella tal-marka Bezanzoni lilhom mibjugha u kkonsenjata u kwantu ghall-bilanc ta' disghin Lira Maltin, (LM90.00,0), imghax legali fuq is-somma ta' elf, tlett mija u hamsin Lira Maltin, (LM1,350.00,0), mill-1 ta' Lulju tas-sena 2001 sal-lum, tletin Lira Maltin, (LM30.00,0), *'survey fees'* u disghin Lira Maltin, (LM90.00,0), spejjez ohra li kien kostrett jaghmel l-attur wara li l-konvenuti rrifjutaw li jhallsu l-ammont bilancjali fuq imsemmija;

2. Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Frar tas-sena 2002 u bl-imghax ulterjuri fuq is-somma dovuta sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat fis-26 ta' April, tas-sena 2002 b'numru 1017/02 kontra l-konvenuta Patricia White u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 ta' Frar, tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi preliminarjament hemm lok ghal korrezzjoni peress illi l-ismijiet tal-konvenuti huma ndikati hazin;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenuta tharrket inutilment u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur u dan ghaliex hija m'ghandhiex u qatt ma kellha relazzjoni giuridika ma' l-attur; u dan *del resto* kif gie deciz minn sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Gunju, tas-sena 2002;

3. Illi subordinatament u fil-mertu, s-somma mitluba ghall-passarella kif indikata mill-attur mhijiex dovuta stante illi l-istallazzjoni tal-imsemmija passarella ma saritx skond is-sengha u l-arti, tant li l-eccipjent imhabba f'hekk sofra danni sostanzjali fid-dghajsa tieghu u fil-fatt qieghed jaghmel kontro-talba f'dan ir-rigward;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ukoll il-kontro-talba tal-konvenuti datata t-3 ta' Frar, tas-sena 2003 li wara li ppremettew illi jezistu cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprevalew ruhhom mill-azzjoni attrici in via rikonvenzjonali kif gej:

1. Illi l-konvenut rikonvenzjonat xtara minghand l-attur rikonvenzjonat passarella tal-marka Besenzoni, tal-mudell Preminum 358, ghas-somma ta' erbat elef, sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM4,650.00,0), u dan skond skrittura privata datata 10 ta' April tas-sena 2001;

2. Illi minn dan il-prezz il-konvenut rikonvenzjonat hallas depositu ta' elfejn u tlett mitt Lira Maltin, (LM2,300.00,0), fuq din l-iskrittura;

3. Illi fil-prezz ta' dan il-bejgh kien inkluz ukoll il-prezz ta' *'respective reinforcement and installation'*, kif jidher mill-istess skrittura;

4. Illi l-istallazzjoni tal-passarella in kwistjoni ma saritx skond is-sengha u l-arti, tant li gew ikkagunati danni sostanzjali fid-daghajsa ta' Laurie Trewinard, kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

5. Illi l-konvenut rikonvenzjonat ghamel diversi tentattivi sabiex jikkuntattja lill-attur rikonvenzjonat u b'xi mod isolvu din il-problema, tant li waqt il-korrisondenza ta' bejniethom, Trewinard hallas elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0), ohra mill-bilanc; izda meta l-attur rikonvenzjonat mar sabiex jinvestiga l-problema, spicca biex ikkaguna danni ulterjuri fil-passarella u fid-daghajsa tal-konvenut rikonvenzjonat;

6. Illi skond stima maghmula mill-Kalkara Boatyard Co. Limited, l-ispiza sabiex dawn id-danni fil-passarella u fid-dghajsa ta' Laurie Trewinard jigu msewwija hija fis-somma ta' elfejn, mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM2, 250.00,0), u

dan minbarra xoghol iehor mhux kwantifikabli pagabbli bit-tmien Liri Maltin (LM8.00,0), fis-siegha;

Illi ghalhekk, l-attur rikonvenzjonat gie mitlub jghid ghaliex din l-Onotabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut rikonvenzjonat sofra danni fid-dghajsa tieghu minhabba t-traskuragni u l-imperizja tal-attur rikonvenzjonat waqt l-istallazzjoni tal-passarella, u sussegwentement fil-passarella stess u fl-istess dghajsa meta mar jinvestiga d-danni li kienu diga saru;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonat minhabba t-traskurangi u l-imperizja ta' l-attur rikonvenzjonat kif fuq imsemmi, okkorrendo, bl-opera ta' periti nominandi;

iii. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-konvenut rikonvenzjonat dawk id-danni kollha, kif likwidati minn din l-onorabbli qorti stess ai termini tad-domanda precedenti;

iv. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

v. Ghall-finijiet ta' kompetenza qieghed jigi ddikjarat li d-danni ma jeccedux hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0);

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti datata l-20 ta' Frar, tas-sena 2003 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

Illi d-domandi tal-konvenut fil-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma bla bazi legali billi l-attur ma kkaguna ebda danni fil-'*yacht*' bl-isem "Mistralis" tal-konvenuti meta installa l-passarella billi x-xoghol sar skond direzzjoni u informazzjoni tal-Kaptan tal-istess *'yacht'* u l-kumpanija li bniet l-istess *'yacht'*;

Illi l-istess attur rikonvenzjonat ghogbu wkoll, ghalkemm mhux dovut jikkonferma bil-gurament is-segwenti:

1. Illi l-konvenuti xtraw minghand l-attur passarella tad-ditta Bezenzoni skond skrittura tal-11 ta' April tas-sena 2001, dokument A, u l-esponent kellu jinstalla fuq il-*'yacht'* l-istess passarella;

2. Illi biex ikun jista' jaghmel din l-istallazzjoni, huwa talab informazzjoni minghand il-Kaptan kif ukoll il-konvenut biex jinfurmah x'kien il-materjal li bili gie ikkostruwit il-'*hull*' tal-istess '*yacht'* u ghal dan l-iskop il-Kaptan tal-imsemmi *'yacht'* "MY Mistralis' ta lill-attur id-dokument li qed jigi anness u mmarkat bhala dokument B li jghid li l-'*yacht*' huwa fabbrikat b'*"marine plywood"* ta' hxuna ta' '*¾ of an inch*' u x''allowance' irid ihalli ghal hxuna tal-'*wooden backing plate*' tal-istess '*hull*';

3. Barra minn dan fuq rikjesta tal-attur il-konvenut kiteb lill-manifatturiera tal-imsemmi '*yacht'* fid-9 ta' April tas-sena 2001, dokument C, ghal informazzjoni kif ahjar tehel il-passarella bl-inqas hsara u dizordni lid-dekorazzjoni interna u panelling tal-imsemmi '*yacht'*;

4. Illi l-konvenut qatt ma nforma lill-attur dwar xi risposta li seta' rcieva cioe nonostante li l-attur insista mieghu diversi drabi biex jghidlu x'risposta kellu ghal dik l-ittra;

5. B'danakollu l-attur insista ta' Martin Vella, s-'*supervisor'* tax-xoghlijiet u l-'*electrician'* li kellu jaghmel l-installazjoni biex din dil-passarella titwahhal ghax huwa ried li titwahhal immedjatament;

6. Illi fil-fatt l-attur ghamel ir-rinforza l-post fejn kellha titwahhal il-passarella billi ghamel '*steel plate*' ta' centimetru u zewg *'plates'* wahda wara u ohra quddiem tal-injam tal-hxuna ta' pulzier kull wahda. Barra minndan ukoll sar rinforz permezz tal-'*fibreglass'*. Wara li saret l-installazzjoni, rrizulta illi l''*stern*' tal-*'yacht'* ma kienx maghmul minn '*marine plywood*' kif kien infurmat l-attur imma tip ta' '*foam'* li jghidulu *'sandwiched foam*' li kien

miksi bil-'*fibreglass'* u ghalhekk ma kienx hemm sahha fl-'*stern*' tal-'*yacht*' biex tiehu piz fuqha;

7. Fil-fatt meta sar '*survey'* wara biex naraw kif tista' tigi rizolta l-kwistjoni, s- '*surveyor'* Daniel Grima ddikjara illi l-'*stern*' tal-imsemmi '*yacht'* kellu jerga' jinbena mill-gdid billi ma kienx maghmul minn materjal ta' sahha bizzejjed;

8. Illi l-konvenut kien gab '*surveyor'* u cioe lis-Sur Paul Cardona li ghamillu rakkomandazzjoni simili ghal dak li qal is-'*surveyor'* Daniel Grima u dan l-attur gie nfurmat permezz ta' ittra tat-18 ta' Ottubru tas-sena 2001, dokument D;

9. Billi fil-ftehim li kellna ma kienx hemm inkluz jew imsemmi li kellha ssir '*restructuring*' tat-'<u>*transom*</u>' imma semplicement '*reinforcement and installation*' jiena rrispondejtu permezz ta' ittra tieghu datata 22 ta' Ottubru tas-sena 2001;

10. Illi minn dak iz-zmien 'l hawn qatt ma kien hemm izjed kuntatt bejn il-kontendenti u l-istess konvenut baqa' juza l-*'boat'* b'mod regolari u ccaqlaq biss biex jaghmel domanda li ghamel fil-kontro-talba meta saret din il-kawza ghax qabel qatt ma ppretenda kumpans ghal xi hsarat li qed jallega li grawlu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' sottomisjonijiet finali ta' l-attur.

Rat ukoll il-verbal datat is-17 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz tieghu ordnat il-korrezzjoni ta' isem il-konvenuti kull fejn jirrikorru;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenut ried jissostitwixxi l-passarella manwali li originarjament kellu fid-dghajsa tieghu ma ohra idrawlika, (ara fol 67):

2. Illi sussegwentement giet iffirmata skrittura privata datata l-10 ta' April, tas-sena 2001, (ara fol 29), li permezz taghha s-socjeta' "Sealink Marine Centre", ("venditur"), u Laurie Trewwinard, ("akkwirent"), intrabtu bis-segwenti kondizzjonijiet:

a. Illi l-venditur kellu jbiegh lill-akkwirent passarella tal-marka Besenzoni, mudell Premium 358;

b. Illi l-akkwirent kellu jakkwista u jaccetta din il-passarella partikolari;

c. Illi din il-passarella partikolari kellu jkollha s-segwenti partikolaritajiet:

i. erba' metri tul;
ii. kellha tkun tal-'*istainless steel'* ippolixjat;
iii. prezz ta' erbat elef sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM4,650.00,0);
iv. illi l-prezz pattwit kellu wkoll jinkludi s-segwenti:

1. l-infurzat u
2. l-istallazzjoni fuq il-"M.M. Mistolis";

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta wkoll li saru diversi laqghat bejn rapprezentanti tas-socjeta' 'venditrici' u tal-"M. M. Mistrolis" fejn gew diskussi l-partikolaritajiet specifici rigwardanti l-istallazzjoni tal-passarella de quo;

Illi jirrizulta li l-Kaptan tal-vaxxell involut kien ikkontattja lis-socjeta' 'venditrici' u ta' struzzjonijiet li l-passarella de quo kellha tintrabat f'postha anke bl-uzu ta' zewg strixxi ta' *'plywood'* laminat appozitament rinfurzat, (ara fol 62 u 63);

Illi jirrizulta li ghalkemm il-mekkanizmu elettroniku tal-passarella de quo jiffunzjona prefettament, hemm tbandil ezagerat fl-poppa meta din il-passarella tigi estiza ghal aktar minn erba' (4) metri, liema tbandil hu kawza ta' preokkupazzjoni serja da parti tas-sid;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu jkun pacifiku li r-relazzjoni kontrattwali li tezisti fin-negozju de quo hi dik bejn is-socjeta' Sealink Marine Centre, li ghaliha dehret u ffirmat Natasha Vella Roso u l-konvenut Laurie Trewinnard;

Illi dan jirrizulta mill-fatt li l-iskrittura privata de quo, (ara fol 29), saret bejn il-partijiet indikati fil-paragrafu precedenti:

Illi ghalhekk l-attur odjern m'ghandu l-ebda locus standi f'din il-procedura u konsegwentement it-talbiet tieghu fl-avviz promotur u l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenuti qed jigu respinti;

Ikkunsidrat:

Illi wkoll fil-meritu ghandu sintetikament jinghad li x-xoghlijiet maghmula mis-socjeta' venditrici ma sarux skond is-sena u l-arti stante li ma jassigurawx dak il-livell rikjest f'xoghlijiet ta' din ix-xorta, anzi jirrizultaw pjuttost perikoluzi ghall-kull min jista' jkun qed juza l-passarella de quo stante li ma jirrizultax li sar xoghol ta' rinfurzar kif rikjest;

Ikkunsdrat:

Illi ghandu jkun ukoll pacifiku f'dan l-istadju li l-konvenuta Pauline White hi estranea ghall-vertenza odjerna stante li ma jirrizulta li hemm l-ebda rabta legali bejnha u l-konvenut l-iehor u ghalhekk qed tigi liberata mill-osseranza tal-gudizzju;

Ikkunsidrat :

Illi kif gie affermat precedentement, l-attur rikonvenzjonant hu guridikament estraneu ghall-verenza odjerna stante li l-vinkolu legali li jirrizulta hu biss dak bejn is-socjeta’ Sealink Marine Centre u l-konvenut Trewinnard;

Illi ghalhekk l-ebda talba ma tista’ tigi regolament indirizzata fil-konfront ta’ l-attur rikonvenzjonant stante l-estraneita’ legali tieghu;

Ghaldaqstant din il-qorti qieghda tirrespingi wkoll il-kontro-talbiet tal-konvenuti;

Illi in vista tal-premess, l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-partijiet billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------